# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2022.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 889/08JRM**

Jesmond **MICALLEF**

vs

Charles **ĊIAPPARA** *junior*; Katie Ciappara; Charles Ciappara u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2012, l-atti ta' Charles Ciappara ġew trasfużi f'isem Emanuel Ciappara, Angelo Ciappara, u Catherine Ciappara stante l-mewt ta' Charles Ciappara; C&K Ciappara & Sons Limited (C – 11598)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-3 ta' Settembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li t-trasferiment ta' mija u ħamsin (150) sehem fil-kumpannija C & K Ciappara & Sons Limited li sar mill-imħarrek Charles Ciappara *Junior* lil ommu l-imħarrka

Katie Ciappara fil-11 ta' Novembru, 2005, sar b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-attur bħala kreditur kanoniżżat tal-imsemmi Charles Ciappara; (ii) issib li l-istess trasferiment sar bil-kompliċita` diretta tal-imħarrka Katie Ciappara; (iii) issib li l-għan wara l-istess trasferiment kien biex iġib lill-imħarrek Charles Ciappara *Junior* insolventi jew aktar insolventi minn qabel; (iv) tordna r-rexxissjoni u t-tħassir tal-istess trasferiment; (iv) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom, jerġgħu jdaħħlu l-imsemmija mija u ħamsin (150) sehem tal-kumpannija mħarrka f'isem l-imħarrek Charles Ciappara *Junior*; (vi) fin-nuqqas, tordna li l-imsemmija mija u ħamsin (150) sehem fil-kumpannija mħarrka jerġgħu jduru fuq isem l-imħarrek Charles Ciappara *Junior ope sententiae* taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha meħtieġa; u (vii) taħtar kuraturi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq kull att meħtieġ sabiex l-imsemmija ishma jerġgħu jduru fuq isem l-imħarrek Charles Ciappara *Junior*. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Settembru, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' Diċembru, 2008, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi jgħidu li (i) t-trasferiment tal-ishma minn fuq Charles Ciappara *Junior* għal fuq isem ommu l-imħarrka Katie Ciappara sar minħabba l-istat mentali tal-istess trasferent li ma kienx f'qagħda li jiġġestixxi l-ishma f'ismu; (ii) l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi billi hemm nieqes fiha l-element tal-qerq min-naħa tad-debitur minħabba l-istess stat mentali li Charles Ciappara *Junior* kien jinsab fih; (iii) l-imħarrek Charles Ciappara (il-missier) u l-kumpannija mħarrka C & K Ciappara & Sons Ltd mhumiex il-leġittimi kontradittturi w għaldaqstant għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; (iv) żammew sħiħa l-pożizzjoni tagħhom dwar l-imħarrek Charles Ciappara *Junior* fid-dawl ta' ċertifikat mediku li jixhed li ma kienx f'qagħda li jitfa' dawl ta' x'ġara fil-każ f'dak l-istadju;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-13 ta' Jannar, 2009[2], li bih ordnat lill-imħarrkin ifissru x'riedu jfissru bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, fil-kuntest ta' din il-kawża, kif ukoll jekk l-imħarrek Charles Ciappara *Junior* kienx f'qagħda li joqgħod f'ġudizzju;

Rat li minkejja l-imsemmija ordni, l-imħarrkin naqsu li jwieġbu fiż-żmien lilhom mogħti;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 31 tal-proċess

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-3 ta' Marzu, 2009[3], fejn ħatret lill-Avukat Gabrielle Buttiġieġ bħala perit legali sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet u tagħmel l-osservazzjonijiet meħtieġa li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat id-degrieti tal-Qorti (diversament presjeduta) tas-7 ta' Mejju, 2009[4] u tal-21 ta' Ottubru, 2009[5], kif ukoll il-verbal tagħha tat-18 ta' Novembru, 2009[6], li bihom u fuq talba magħmula mill-perit legali[7], idderiġietha dwar il-ġbir tal-provi attriċi waqt is-seduti miżmuma minnha;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tas-6 ta' Marzu, 2012[8], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin[9], ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq l-imħarrek Charles Ciappara (l-missier) għal fuq l-imħarrkin l-oħrajn;

Rat li b'ordni ta' surroga tas-17 ta' Jannar, 2013[10], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2013[11], li bih u fuq talba magħmula mill-attur[12], ordnat it-tfittxija ta' dokumenti, preżunti mitlufa, mir-Reġistratur tal-Qorti marbuta ma' din il-kawża w ir-rikostruzzjoni tagħhom fin-nuqqas li jinstabu;

Rat in-Nota tat-23 ta' Ottubru, 2013[13], li biha l-Assistent Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali b'referenza għad-degriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' April, 2013, ta tagħrif dwar is-sejba tad-dokumenti mitluba;

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar, 2014[14], u t-tagħrif li ngħatat din il-Qorti wara l-mewt tal-imħarrek Charles Ciappara *Junior*, kif ukoll id-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2015[15], li bih ordnat lill-perit legali sabiex tagħti informazzjoni dwar minn inħatar minflok l-imsemmi mejjet;

---

[3] Paġġ. 129 – 130 tal-proċess
[4] Paġ. 142 tal-proċess
[5] Paġ. 151 tal-proċess
[6] Paġ. 155 tal-proċess
[7] Paġġ. 140 – 1 u 149 – 150 tal-proċess
[8] Paġ. 166 tal-proċess
[9] Paġ. 164 tal-proċess
[10] Paġ. 171 tal-proċess
[11] Paġ. 176 tal-proċess
[12] Paġ. 175 tal-proċess
[13] Paġ. 183 tal-proċess
[14] Paġ. 186 tal-proċess
[15] Paġ. 194 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2013[16], li bih u fuq talba magħmula mill-partijiet[17], laqgħet it-talba tagħhom sabiex jitressqu Noti ta' Osservazzjonijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-perit legali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur tas-26 ta' Awwissu, 2016[18];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin, ħlief għal Charles Ciappara Jnr, tat-30 ta' Novembru, 2015[19], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit legali fit-22 ta' Ġunju, 2016[20], u minnha maħlufa kif imiss quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti fid-19 ta' Settembru, 2016[21];

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2016[22], li bih tat lill-attur il-fakulta` li jressaq lill-perit legali b'xhud tiegħu f'eskussjoni;

Rat in-Nota tal-perit legali tal-1 ta' Marzu, 2017[23], li biha wieġbet għall-mistoqsijiet imressqa mill-attur;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2017[24], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[25]

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[16] Paġ. 196 tal-proċess
[17] Paġ. 195 tal-proċess
[18] Paġġ. 197 sa 212 tal-proċess
[19] Paġġ. 214 sa 222 tal-proċess
[20] Paġġ. 229 sa 336 tal-proċess
[21] Paġ. 336 tal-proċess
[22] Paġ. 338 tal-proċess
[23] Paġġ. 351 sa 362 tal-proċess
[24] Paġ. 368 tal-proċess
[25] Paġ. 372 tal-proċess

Illi din hija l-azzjoni pawljana jew revokatorja. Permezz tagħha l-attur, bħala kreditur tal-imħarrek Charles Ciappara *Junior* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-iben") dwar negozju li kien sar fl-2004, qiegħed jattakka t-tresferiment tal-150 sehem li l-iben kellu fil-kumpannija mħarrka favur l-imħarrka Katie Ciappara (minn issa 'l hemm imsejħa "l-omm") għaliex iqis li b'dak it-trasferiment, l-iben ġab lilu nnifsu mhux f'qagħda li jħallas lura dejnu u ftaqar b'mod li d-dejn tiegħu ma jkollux minn fejn jitħallas. L-attur iqis li l-omm kienet taf b'dan kollu u li kienet kompliċi fil-qerq li kien qed iseħħ bi ħsara tal-istess attur. Huwa qed jitlob it-tħassir tal-imsemmi trasferiment, u li l-ishma fil-kumpannija jerġgħu jsejħu lill-iben u jduru mill-ġdid fuq ismu;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet fil-mertu. Jiċħdu lkoll li huma qarrqu bl-attur. Jgħidu li t-trasferiment tal-ishma sar minħabba li l-iben ma kienx f'qagħda li jieħu ħsieb it-tmexxija ta' ħwejġu minħabba mard tal-moħħ, u dak it-trasferiment kien kwestjoni familjari u mhux xi għemil bi ħsieb li jqarraq b'terzi. Ladarba t-trasferiment sar bla ebda qerq, l-azzjoni attriċi taqa' għaliex element essenzjali tagħha huwa nieqes. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Charles Ciappara (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-missier") u l-kumpannija mħarrka jisħqu li tħarrku ħażin u għalxejn, u talbu li jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-kumpannija C & N Company Limited twaqqfet f'April tal-1990 bejn il-missier u wieħed Noel Azzopardi, b'rabta mal-qasam tat-trobbija tat-tiġieġ u l-bejgħ tal-laħam. Meta twaqqfet, l-azzjonisti kienu l-missier u Noel Azzopardi b'mitejn u ħamsin (250) sehem ordinarju kull wieħed[26] u t-tnejn li huma kienu d-diretturi tal-kumpannija. F'Settembru tal-1990, Noel Azzopardi rriżenja minn direttur fil-kumpannija u minfloku laħqet direttriċi l-omm. L-ishma li Azzopardi kellu fil-kumpannija għaddew għand il-missier (245 sehem) u fuq isem waħda Rosanne Bonniċi (5 ishma) fis-6 ta' Settembru, 1990[27]. F'Ottubru tal-istess sena, il-kumpannija bidlet isimha għal dak ta' C & K Ciappara Poultry Limited[28]. F'Ottubru tal-1992, il-kumpannija għaddiet riżoluzzjoni[29], li biha kabbret il-kapital awtoriżżat tal-ishma tagħha għal ħdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) f'ishma ta' Lira l-wieħed. Dakinhar, inħarġu għaxart elef u ħames mitt (10,500) sehem ġdid, imħallsin għal kollox, fuq isem il-missier. Dr Rosanne Bonniċi neħħiet il-ħamest (5) ishma tagħha fil-kumpannija f'Ottubru tal-1996 (liema ishma għaddew fuq isem wieħed Pio Dalli), f'liema żmien il-kumpannija b'riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa ġenerali[30], qatgħetha li terġa' żżid il-kapital azzjonarju tagħha għal għoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) bil-ħruġ ta'

[26] Dok "IC1", f'paġġ. 456 – 8 tal-proċess
[27] Dok "IC1", f'paġ. 444
[28] Ara Dok. JPM1 u Dok. JPM2
[29] Dok "IC1", f'paġ. 451
[30] Dok "IC1", f'paġ. 433

disat elef (9000) sehem ordinarju ġdid ta' Lira l-wieħed li lkoll inkisbu mill-missier;

Illi bejn Lulju u Awwissu, 1999, l-omm u l-missier għaddew b'titolu ta' donazzjoni lil uliedhom Emmanuel, Angel u Charles (l-iben l-imħarrek) erba' mija u ħamsa u erbgħin (445) sehem bejniethom fil-kumpannija[31]. Billi Angel u Charles dak iż-żmien kienu għadhom taħt l-eta`, deher għalihom il-missier. Ħames (5) ishma oħra ordinarji ġew trasferiti fuq Emmanuel Ciappara minn Pio Dalli. B'hekk kull wieħed mill-ulied kellu mija u ħamsin (150) sehem fl-istess kumpannija fuq isimhom[32]. F'dak iż-żmien ukoll, il-kapital tal-kumpannija – għoxrin elf sehem ta' Lira l-wieħed – kien inqasam fi klassijiet: sittin (60) sehem ordinarju "A", erba' mija u ħamsin (450) sehem ordinarju "B" u dsatax-il elf erba' mija u disgħin (19,490) sehem *preference*. L-ishma kollha ordinarji "B", għaddew f'isem it-tliet ulied kif ingħad, filwaqt li l-ishma l-oħrajn kollha kienu jgħajtu lill-missier. B'riżoluzzjoni oħra tal-kumpannija tal-5 ta' Settembru, 2000, il-kapital żdied għal erbgħin elf Lira Maltin (Lm 40,000), bil-ħruġ ta' għoxrin elf (20,000) sehem *preference* ġdid li kienu jgħajtu lill-missier ukoll;

Illi f'Novembru, 2004, il-kumpannija għal darb'oħra bidlet isimha għal dik ta' C & K Ciappara & Sons Limited[33]. F'dak iż-żmien, l-aħwa Ciappara kienu lkoll jaħdmu fil-kumpannija;

Illi fil-25 ta' Settembru, 2004 u fit-12 ta' Ottubru, 2004, l-iben daħal f'negozju mal-attur dwar xiri ta' żewġ vetturi, waħda għall-ammont ta' ħdax-il elf, erba' mija u erbgħin Liri Maltin (Lm11,440), u l-oħra għall-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm21,600). L-ammont kellu jitħallas lura fi żmien sentejn. L-attur jgħid li l-iben iffirma sensiela ta' kambjali[34]. Minn irċevuti li nstabu mill-omm, jirriżulta li minn dawn il-flejjes l-attur tħallas l-ammont ta' ħamest elf, tliet mija u disgħa u sebgħin Liri Maltin (Lm5379). L-aħħar ħlas li sar lill-attur mill-iben kien dak tas-27 ta' Diċembru, 2005, fl-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100)[35];

Illi fl-2005, Angel Ciappara, kontra x-xewqa ta' ommu u missieru, ma baqax jaħdem fil-kumpannija u fetaħ negozju għal rasu[36]. Għalhekk, il-ġenituri riedu mill-ġdid il-kontroll f'idejhom tal-kumpannija. Għaldaqstant, fil-11 ta' Novembru, 2005, l-ishma tal-aħwa Ciappara ġew trasferiti fuq isem ommhom, Catherine Ciappara[37];

---

[31] Dok "IC1", f'paġ. 398
[32] Ara Dokti. "JMP21A" sa "JPM21F" f'paġġ. 709 sa 717
[33] Ara Dok. JPM15 f'paġġ. 216 sa 237
[34] Dokti "AA1" u "AA2" f'paġġ. 625 sa 663 u 667 sa 692
[35] Dok. "CJC1"
[36] Ara x-xhieda ta' Angelo Ciappara f'paġ. 1-2 waqt is-seduta quddiem il-perit legali tal-10.6.2015. Ara wkoll Dokti. "XYZ5" u "JPM20" f'paġ. 708
[37] Dok "Ċ", f'paġ. 15 tal-proċess u x-xhieda ta' Jean Pierre Muscat f'paġ. 2 waqt is-seduta quddiem l-perit legali tal-5.3.2015. Ara wkoll Dokti. "BK1" sa "BK3"

Illi fl-istess sena, jiġifieri 2005, il-ġenituri bdew jitħassbu mill-imġiba tal-iben, li aktar tard instab li kien qiegħed ibati minn skiżofrenija[38]. Huwa temm l-impjieg mal-kumpannija fid-9 ta' Lulju, 2006[39] minħabba li saħħtu qalbet għall-agħar;

Illi fit-13 ta' Settembru, 2006, permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza, l-iben għaraf li kellu jagħti lill-ġenituri tiegħu s-somma mislufa minnhom fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin elf, ħames mija sitta u ħamsin Liri Maltin (Lm225,556)[40]. Dan is-self ma ġiex maħfur tant li l-ġenituri fit-testment tagħhom tat-18 ta' Ottubru, 2006[41], emendaw it-testment tas-27 ta' Frar, 2006[42], u b'differenza minn ħutu, l-iben ma ġiex eżentat mill-obbligu tal-kollazzjoni w imputazzjoni;

Illi l-iben iddaħħal l-Isptar Monte Karmeli għall-kura fit-28 ta' Diċembru, 2006, wara li kien telaq mid-dar u għamel xhur jiġri 'l hawn u 'l hinn, u baqa' hemm sakemm miet fil-mori ta' din il-kawża[43]. Il-missier miet fit-28 ta' Ġunju, 2011[44];

Illi l-attur irrenda l-kreditu li kellu bil-kambjali maħruġa mill-iben permezz ta' żewġ ittri uffiċjali, tad-19 ta' Ottubru, 2006[45], u tat-22 ta' Ġunju, 2007[46], li l-iben laqa' notifika tagħhom u ma kkontestahomx fiż-żmien u bil-mod li tgħid il-liġi;

Illi fit-3 ta' Settembru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin ma' din l-azzjoni huma dawk dwar l-azzjoni Pawljana (jew revokatorja), azzjoni ta' natura personali[47], miftuħa għal kull min għandu pretensjoni ta' kreditu biex jitlob it-twettiq ta' obbligazzjoni mingħand id-debitur tiegħu u li jrid iwaqqa' att jew fatt li dak id-debitur ikun wettaq ma' terzi, li bih dak il-kreditu jiġi ppreġudikat[48]. Din il-kawża tieħu xejra partikolari minħabba d-difiża mressqa mill-imħarrkin, dik li l-iben ma kienx fi stat mentali tajjeb meta seħħ l-għemil li l-attur iqis li sar b'qerq għall-jeddijiet tiegħu bħala kreditur tal-iben innifsu;

---

[38] Ara Dok. "A" f'paġġ. 25 – 9 tal-proċess
[39] Ara Dok. "JD1" f'paġ. 741
[40] Ara x-xhieda tan-Nutar Victor Bisazza f'paġġ. 1- 2 waqt is-seduta quddiem il-perit legali tal-4.6.2009. Ara wkoll Dokti. "VB1" u "VB2", f'paġġ. 739 – 740
[41] Dok. "XYZ3"
[42] Dok. "XYZ7"
[43] Ara x-xhieda ta' Catherine Ciappara f'paġ. 3 waqt is-seduta quddiem il-perit legali tal-11.12.2014
[44] Dok f'paġ. 165 tal-proċess
[45] Dok. "AA1" f'paġ. 624
[46] Dok. "AA2" f'paġ. 665
[47] P.A. **27.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino vs Vella et*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.748**)
[48] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.24**)

Illi l-elementi ewlenin tal-azzjoni huma: (a) l-eżistenza tal-kreditu; (b) l-għemil dannuż tad-debitur (*eventus damni*); u (ċ) il-ħsieb tad-debitur li, b'dak l-għemil, il-kreditu jista' jiġi mġarrab (*consilium fraudis*);

Illi għar-rigward tal-element tal-kreditu, jingħad li biex isejjes l-azzjoni attriċi, il-kreditu m'għandux għalfejn ikun dejn kanoniżżat, anzi lanqas biss għandu għalfejn ikun dejn pekunjarju, għaliex ikun biżżejjed jekk id-dejn jikkonsisti fi pretensjoni ta' adempiment ta' obbligazzjoni li, bl-għemil tad-debitur ta' dik l-obbligazzjoni, tista' u x'aktarx tiġi preġudikata[49]. Kemm hu hekk, tqies li jkun hemm kreditu ukoll f'każ fejn l-għemil impunjat kien jippreġudika likwidazzjoni futura ta' ġid miżmum in komun[50];

Illi mill-atti tal-kawża, ma hemm ebda dubju li l-iben kien fil-fatt debitur tal-attur. Dan joħroġ kemm miż-żewġ kitbiet privati tal-25 ta' Settembru, 2014, u tat-12 ta' Ottubru, 2004, kemm mill-irċevuti ta' ħlas akkont li sar minnu lill-attur kreditur marbuta ma' dan id-dejn, u kif ukoll mill-kambjali mehmuża maż-żewġ ittri uffiċjali tad-19 ta' Ottubru, 2006, u tat-22 ta' Ġunju, 2007, li bis-saħħa tagħhom l-attur ġab dawk il-kambjali bħala titoli eżekuttivi. L-imħarrkin fl-ebda waqt ma qalu li d-dejn inqata' jew li l-ħlas tad-dejn kien twettaq kollu jew għas-saldu;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-ewwel element tal-azzjoni tal-attur jinsab ippruvat kif imiss;

Illi għar-rigward tal-element tal-"*eventus damni*", huwa mfisser li l-ġrajja dannuża sseħħ meta, "*come conseguenza dell'atto di disposizione compiuto, il patrimonio del debitore divenga insufficiente a soddisfare tutti i creditori, ovvero, venga ad essere composto in modo tale da rendere più difficile il soddisfacimento coattivo del credito*"[51];

Illi l-attur jgħid li meta sar it-trasferiment tal-ishma, meqjusa flimkien ma' atti oħra li saru mill-miżżewġin Ciappara fil-konfront tal-iben, dan sar bil-ħsieb li jħarsu l-ġid tagħhom minn xi azzjoni tal-kredituri li kienu se jfittxu li jitħallsu, fosthom huwa stess, u bil-għan maħsub ukoll li jġibu lill-iben debitur aktar insolvibbli milli kien[52];

Illi mill-provi mressqa fl-atti jirriżulta li d-debitur ma kellu ebda ġid għajr l-ishma fil-kumpannija C & K Ciappara & Sons Limited[53]. Fil-qafas tal-azzjoni Pawljana, kien miftuħ għall-imħarrkin li jressqu 'l quddiem il-possibilita`

[49] P.A. **20.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1054**)
[50] App. Ċiv. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Brigitte Vella vs Richard Vella et***
[51] Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9ª Ediz), §279, paġ. 455
[52] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Attur f'paġġ. 207 – 8 tal-proċess
[53] Dok. "JM1"

tal-eskussjoni tal-ġid tagħhom bħala garanzija alternattiva għall-pretensjonijiet tal-attur, imma dan għażlu li ma jagħmluhx. B'żieda ma' dan, għandu jkun ċar li l-fatt li ma ntwerew l-ebda ġid ieħor tad-debitur, marbut mal-fatt li l-ishma trasferiti fuq isem l-omm setgħu servew biex minnhom jinqata' d-dejn jew tal-anqas parti minnu, huwa prova biżżejjed tal-"*eventus damni*"[54];

Illi għalhekk dan it-tieni element, dak tal-ħsara mġarrba, ukoll jinsab ippruvat kif imiss;

Illi għar-rigward tal-element tal-qerq, dan huwa l-aktar element kontestat mill-partijiet f'din il-kawża. L-imħarrkin jiddefendu rwieħhom fuq żewġ linji. L-ewwel, meta jisħqu dwar l-istat mentali mwiegħer tal-iben li qatt ma jista' jirrendih ħati ta' għemil qarrieq billi ma kienx f'qagħda li jaf x'inhu jagħmel. It-tieni linja trid turi li l-missier kellu kontroll sħiħ ta' kollox u li, f'dak li jirrigwarda n-negozju tal-familja (miġbur kollu fil-qafas tal-kumpannija mħarrka), riedet tgħaddi tiegħu. Kemm hu hekk, malli ra li wieħed minn uliedu ħareġ min-negozju tal-familja, qabad u ordna li l-ishma jitreġġgħu lura sabiex jerġa' jikseb kontroll mill-ġdid tal-kumpannija[55]. Mill-provi ħareġ li, dak inhar li għaddew l-ishma mill-iben lil ommu, saru t-trasferiment ukoll tal-ishma taż-żewġt aħwa l-oħrajn ukoll. Mhux hekk biss, imma kif kien wissa matul ħajtu, dawk l-ulied li kienu marru għal rashom, qatagħhom mill-kumpannija u lanqas fit-testment tiegħu ma ħelishom mill-konsegwenzi;

Illi l-attur, min-naħa l-oħra, jgħid li l-imġiba tal-ġenituri tad-debitur ma tixhidx interess jew tħassib f'binhom li, fi kliemhom, jgħidu li kien marid[56], imma interess li jiġbed lejhom. Jisħaq ukoll li ma nġabet ebda prova li d-debitur ma kienx f'qagħda li jidher fuq kuntratt u fin-nuqqas l-iben huwa meqjus li kien għaraf dak li kien ser jirriżulta bl-imġiba tiegħu, inkluż li kien ser ixejjen l-possibilita` li l-attur jitħallas ta' dak li hu dovut lilu[57], huwa xhieda biżżejjed li l-iben kien jaf x'qed jagħmel;

Illi huwa miżmum li l-element ta' qerq iseħħ hekk kif id-debitur jagħmel minn rajh att li bih ikun jaf li qegħda tiżdied l-insolvenza jew titnaqqas il-garanzija tal-ħlas tal-krediti dovuti minnu. M'hemmx għalfejn li l-*consilium fraudis* jikkostitwixxi r-rieda li jagħmel ħsara (l-*animus nocendi*) lill-kreditur. Din il-fehma tinstilet minn kull għemil li jsir mid-debitur meta jaf li huwa mhuwiex diġa` f'qagħda li jħallas il-kreditu jew krediti tiegħu, u jagħmel dak l-att b'rieda. It-trasferiment tal-ishma impunjat mill-attur jidher li sar mingħajr ħlas ta' korrispettiv jew kunsiderazzjoni. Għalhekk, huwa għemil essenzjalment ta' liberalita`. F'każ bħal dan, il-liġi nnifisha tgħid li ma huwiex meħtieġ li

---

[54] App. Ċiv. **2.3.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Louise Camilleri et vs Michele Camilleri et*** § 15
[55] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Imħarrkin f'paġġ. 221 – 2 tal-proċess
[56] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur f'paġ. 208 tal-proċess
[57] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur f'paġ. 210 tal-proċess

jintwera l-'*participatio fraudis*' mit-terz u biżżejjed jintwera l-qerq min-naħa tad-debitur[58]. Min-naħa l-oħra, il-liġi titlob[59] li jekk l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt;

Illi l-perit legali wriet il-fehma li l-iben ma kellux l-użu tar-raġuni fiż-żmien li sar it-trasferiment tal-ishma mertu tal-każ. Iżżid tgħid li ma setax ikkommetta qerq għaliex ma kellux ix-xjenza meħtieġa u li, fl-aħħar mill-aħħar, it-trasferiment ma kien xejn għajr att simulat mill-omm[60]. Minbarra dan, il-prova tal-element tal-qerq, bħal kull element ieħor fl-azzjoni revokatorja, taqa' fuq l-attur. L-element tal-qerq imħaddem mid-debitur bi ħsara tal-kreditur huwa wieħed ewlieni fl-azzjoni Pawljana. Fil-fehma tal-awturi f'dan il-qasam huwa mgħallem li "*il debitore aliena in frode dei creditori quando conosce di trovarsi in tale stato di patrimonio da non poter compiere senza il pregiudizio di costoroquella diminuzione patrimoniale, a cui è preordinato l'atto di alienazione*"[61]. Il-perit legali ċċitat ukoll silta minn awtur ieħor li tkompli titfa' dawl fuq il-każ li għandha quddiemha llum meta qalet: "*La frode consiste qui nel solo fatto, da parte del debitore, d'aver cagionato scientemente e volontariamente ai suoi creditori il pregiudizio di cui si lamentano*"[62] ;

Illi fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Sakemm il-prova li tkun hija rilevanti għall-każ, ma jagħmilx differenza jekk dik il-prova tieħux is-sura ta' xhieda bil-fomm, jew ta' dokument li jixħet dawl fuq l-aspett partikolari tal-każ[63]. Fit-twettieq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterji tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[64];

Illi mill-provi mressqa, u wara li qieset il-fehmiet kemm tal-partijiet kif ukoll tal-perit legali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet imtennija fir-rapport peritali mħejji minn esperti mediċi marbuta mal-istat mentali tal-iben bejn is-snin 2005 u 2006, mressqa mill-imħarrkin bħala difiża, ma tistax twarrabhom għall-ġenb kif ġieb u laħaq, għaliex jolqtu fil-laħam il-ħaj il-kundizzjoni jew qagħda mentali li l-iben kien għaddej minnha fiż-żmien

[58] Art. 1144(3) tal-Kap 16
[59] Art. 1144(2) tal-Kap. 16
[60] Ara Relazzjoni tal-Perit Legali f'paġ. 335 – 6 tal-proċess
[61] Giorgi Teoria delle Obbbligazioni (Vol II) §270, paġ. 364
[62] Baudry-Lacantinerie Trattato di Diritto Civile (Vol XII) pġ 687
[63] App. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vodafone Malta Limited vs Mark Vella*** u App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Iris Dalmas vs Mons Joseph Dalmas et***
[64] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Callejta et***

meta sar it-trasferiment tal-ishma. Fi kliem l-esperti, "*Fis-snin 2005 u 2006, Charles Ciappara ma kien qed jieħu l-ebda kura għall-marda tiegħu, u l-kundizzjoni tiegħu ta' skiżofrenija żgur kienet qed taffettwaħ qawwi u negattiv ferm, fil-mod kif jikkonċentra, kif jaħseb, kif jevalwa, kif jikkunsidra konsegwenzi u l-imġieba tiegħu f'kull qasam ta' ħajtu*". Għaldaqstant, il-Qorti tasal li tqis l-konklużjoni tal-perit legali bħala li tista' toqgħod fuqha. Din il-fehma tissaħħaħ ukoll bil-fatt li l-perit legali wriet konsistenza u dehen fil-fehmiet tagħha, imqar meta kienet imressqa b'xhud tal-attur fl-eskussjoni;

Illi minbarra dan, il-Qorti tagħti piż ukoll lid-dokumenti u xhieda mressqa mill-imħarrkin marbuta mat-trasferimenti tal-ishma lura għal fuq il-kumpannija C & K Ciappara & Sons Limited f'Novembru, 2005. Fil-fehma tagħha, ma jitħalla l-ebda dubju li dak li sar mill-imħarrkin konjugi Ciappara kien fil-konfront tat-tliet ulied, u mhux limitat għas-sehem li l-iben kellu fil-kumpannija, u li dak li wassal biex l-imħarrkin miżżewġin Ciappara jieħdu azzjoni biex jerġgħu jakkwistaw il-kontroll sħiħ tal-kumpannija kienet ċirkustanza jew sitwazzjoni lil hemm mid-dejn li l-iben seta' kellu mal-attur. Dan l-istat ta' fatt huwa korroborat kemm mix-xhieda tal-Awditur tal-istess kumpannija, kif ukoll minn ħut id-debitur. L-istess provi dokumentali jixhdu wkoll li dik il-manuvra tat-trasferiment tal-ishma minn idejn it-tliet ulied ħadet konferma mal-ftuħ tat-testment wara l-mewt tal-missier. Minn dawk id-dispożizzjonijiet, joħroġ li t-testatur ippremja lill-iben li baqa' jaħdem fil-kumpannija u qata' 'l barra lill-oħrajn;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan it-tielet element tal-azzjoni attriċi ma ġiex ippruvat kif imiss;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva** mqajma mill-missier u mill-kumpannija, għandu jingħad li din mhijiex tajba. Fir-rigwarda tal-missier, it-trasferiment tal-ishma kien att li laqat il-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnu u bejn l-omm. Dan nissel interess dirett fl-eżitu tal-azzjoni li kieku t-talbiet attriċi kellhom jirriżultaw mistħoqqa. Fir-rigward tal-kumpannija, il-preżenza tagħha kienet meħtieġa fil-kawża għall-għanijiet ta' integrita` tal-ġudizzju, għaliex it-treġġigħ lura tal-ishma għal fuq isem l-iben mitluba fl-aħħar tliet talbiet attriċi kienu tabilfors jinvolvu s-sehem tal-istess kumpannija għal dak li jirrigwarda r-reġistrazzjoni tal-ishma hekk ri-trasferiti;

Illi, fl-aħħarnett u mill-aspett proċedurali wkoll, il-Qorti qiegħda tosserva li, minkejja li l-iben miet fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, u minkejja li d-difensur tal-attur kien iddikjara quddiem il-Qorti[65] li kien nieda proċedura

[65] Verbal tas-smigħ tat-28.10.2014, f'paġ. 189 tal-proċess

biex jinħatru kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-wirt battâl tiegħu (saret dikjarazzjoni wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imħarrkin[66] li l-omm u l-aħwa li daħlu fil-kawża mal-mewt ta' missierhom kienu rrinunzjaw għall-wirt tal-iben), baqgħet ma saret l-ebda ħatra ta' kuraturi deputati. Dan ma għandux ikun ta' xkiel għall-għoti ta' din is-sentenza u lanqas għas-siwi tagħha fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 810B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad it-tielet eċċezzjoni**;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** l-oħrajn tal-imħarrkin bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex tirnexxi l-azzjoni revokatorja mressqa mill-attur; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

---

[66] Paġ. 214 tal-proċess